MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tas-16 ta' April, 2004

Appell Civili Numru. 2439/1998/1

**Carmelo Vella, Giulia mart John Briffa,**
**Angela mart Charles Scerri u Maria Vella**

**vs**

**Mario Vella**

**Il-Qorti:**

Rat l-att ta' citazzjoni pprezentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili illi permezz tieghu l-atturi, wara illi ppremettew illi

bejn Jannar u Lulju 1998 l-konvenut, bhala prokuratur ta' Guzeppi Vella, ircieva f'isem l-istess Guzeppi Vella is-somma komplessiva ta' sittax-il elf lira Maltin (Lm16,000), kif ser jirrizulta mill-provi u senjatament mill-iskrittura privata data[ta] 8 ta' April 1998; illi l-konvenut naqas li jikkonsenja din is-somma lill-principal tieghu Guzeppi Vella li minn Marzu 1998 kien rikoverat fl-Isptar Monte Carmeli; illi Guzeppi Vella miet fl-1 ta' Lulju 1998 minghajr ma kellu ebda testment; illi l-atturi huma l-eredi ta' Guzeppi Vella; illi l-konvenut hu responsabbli ghar-ristituzzjoni tal-flus kollha li hu rceva f'isem il-mandat (*sic*) tieghu dment li kien prokuratur; talbu ghaliex dik il-Qorti m'ghandhiex: 1. tikkundanna lill-konvenut illi jirrestitwixxi lill-atturi is-somma ta' sittax-il elf lira Maltin (Lm16,000) jew somma verjuri, liema somma l-konvenut bhala prokuratur ta' Guzeppi Vella naqas li jikkonsenja lil Guzeppi Vella jew l-eredi tieghu kif kien obbligat; bl-ispejjez inkluz dawk tal-mandat ta' qbid numru 3999/98, bl-imghax legali u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi, guramentata mill-attrici Maria Vella, u l-lista tax-xhieda u tad-dokumenti relattivi;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut illi permezz taghha eccepixxa:
Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu rigettati bl-ispejjez;

Illi in effetti li gara kien li l-konvenut kien ilu jindokra u jiehu hsieb lil Giuseppi Vella ghal madwar hames snin u kien sahansitra jirrisjedi mieghu;

Illi meta thallsu l-flus imsemmija l-istess Giuseppi Vella kien ta parti sostanzjali minn dik is-somma lill-istess konvenut biex jikkompensah talli ghamel mieghu;

Illi fil-fatt parti minn dawn il-flus intuzaw biex inxtara post fejn kienu ser imorru joqghodu flimkien il-konvenut u Giuseppi Vella;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fil-mertu f'kaz l-ewwel eccezzjoni tigi respinta;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut u l-lista tax-xhieda relattiva;

Rat is-sentenza tat-tlieta u ghoxrin (23) ta' Novembru, 2000 illi permezz taghha l-Prim' Awla tal-Qorti Civili laqghet it-talba attrici, bl-imghax legali mit-8 ta' April, 1998 sal-effettiv pagament u bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut, u dan wara illi kkunsidrat hekk:

"Illi l-kawza odjerna saret mill-atturi, sabiex il-konvenut jirritorna lilhom l-ammont ta' sittax-il elf lira (Lm16,000), li huma qed jallegaw li l-konvenut inkassa ghan-nom ta' missierhom Giuseppi Vella, meta l-istess konvenut kien qed jagixxi bhala mandatarju tal-istess Giuseppi Vella.

"Illi in effetti mill-provi prodotti jirrizulta li l-istess Giuseppi Vella fid-19 ta' Jannar 1998, kien ftiehem mas-sidien tar-razzett fejn kien jabita, kif jirrizulta minn skrittura privata esebita a fol. 5 tal-process, li kien ser jircievi l-ammont ta' Lm20,000 sabiex jirrilaxxa il-fond favur l-istess sidien.

"Illi apparti l-ewwel pagament li sar fuq l-istess skrittura appena citata, u l-Lm2,000 li kellha tithallas lill Marianna Cuschieri, (li fil-fatt thallset skond ricevuta datata 9 ta' April 1998 - Dok. B), l-ammont ta' Lm16,000 thallas lill-konvenut bhala mandatarju ta' l-istess Giuseppi Vella, kif huwa stess ammetta, kemm waqt ix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti, u kemm ukoll fl-*affidavit* tieghu, u jista' jinghad li huwa f'din il-kawza qatt ma ikkontesta dan.

"Illi apparti dan jirrizulta li Lm11,000 thallsu lill-konvenut fil-kwalità tieghu ta' mandatarju fit-8 ta' April 1998, u dan ukoll in forza ta' prokura generali li saret in iskritt datata 24 ta' Ottubru 1997 (fol. 79), u wkoll, fix-xhieda tieghu moghtija in kontro-ezami, l-istess konvenut ammetta li l-Lm5,000 l-ohra indikati fic-citazzjoni attrici kien ircevihom huwa wkoll fl-istess kwalità.

“Illi jirrizulta wkoll mill-istess provi, u fuq ammissjoni tal-konvenut innifsu li l-istess flus baqghu ghandu sabiex eventwalment, skond huwa inxtara il-post fuq ismu *proprio* permezz tal-kuntratt tal-24 ta’ April 1998 (fol. 252) tal-process, u thallas tal-ispejjez li kien ghamel meta dar ma’ l-istess Giuseppi Vella.

“Illi mela jekk wiehed ihares lejn l-azzjoni attrici, din giet ippruvata, stante li jirrizulta bla ebda dubju kwalunkwe w addirittura ammess li l-konvenut bhala mandatarju tal-istess Giuseppi Vella, ircieva l-ammont ta’ sittax il-elf (Lm16,000) u dawn l-ammonti qatt ma gew mghoddija lid-*decujus* jew lill-aventi kawza tieghu.

“Illi certament din hija l-unika kawza li din il-Qorti ghandha quddiemha;  u dan qed jinghad ukoll in vista tan-nota ta’ eccezzjonijiet tal-konvenut, fejn l-istess konvenut qed jeccepixxi li *parti sostanzjali* minn dik is-somma inghatat minn Giuseppi Vella lill-konvenut biex jikkompensah ghal dak li ghamel mieghu, u li l-parti kbira minnhom intuzat sabiex jinxtara l-post fejn kien ser imorru joqghodu l-istess konvenut u d-*decujus*.    Illi apparti d-dibattitu jekk tali allegazzjoni ta’ hlas ta’ servigi resi tistax titressaq *per via di eccezzione*, jinghad li anke dwar l-istess eccezzjoni kif formulata hemm mankanza serja u dan ghar-ragunijiet segwenti.

“Illi dan ghaliex jidher li l-konvenut qed isostni permezz ta’ din l-eccezzjoni, li l-parti l-kbira tal-flus minnu hekk inkassati ghan-nom tal-mandanti tieghu, gew moghtija lilu mill-istess mandanti, bhala hlas ta’ servigi.   Qed jinghad jidher ghaliex hemm dubju serju f’dak li qed jghid l-istess konvenut fl-istess eccezzjonijiet tieghu, ghaliex mill-istess eccezzjonijiet jidher car li mhux il-flus kollha hekk minnu ricevuti qed jinghad li inghataw lilu bhala hlas ta’ servigi resi, izda min-naha l-ohra waqt ix-xhieda l-istess konvenut qatt ma ta indikazzjoni ta’ liema ammonti inghataw lilu;  *di più* jekk il-post kellu jinxtara sabiex jirrisjedu fih kemm Giuseppi Vella u kemm il-konvenut, fl-istess eccezzjonijiet ma hemmx indikat, li ghalhekk il-fond hekk fil-fatt mixtri f’Barth Street, Hamrun, kellu jkun fuq l-istess konvenut, kif fil-fatt jirrizulta mill-kuntratt ta’ akkwist datat 24 ta’ April

1998; u fl-ahharnett jekk il-prezz tal-istess fond kien Lm7,000, li gew utilizzati mill-konvenut ghall-istess, naturali li jqum il-kwezit x'gara mill-Lm5,000 l-ohra minn tali ammont ta' flus. Dan kollu qed jinghad jekk wiehed jara l-eccezzjonijiet biss u id-dikjarazzjoni hemm guramentata, li minnha jidher car li l-konvenut lanqas f'dan l-istadju ma kienx car x'kienet il-posizzjoni tieghu, u dan huwa veru sorprendenti meta wiehed iqis li fit-18 ta' Mejju 1998 (Dok. D - fol. 12) kien già irrisponda li ma kellu ebda ammont ta' flus apparten[en]ti lill Giuseppi Vella, u allura kien digà cert dak in-nhar dwar l-istess flus, meta l-istess mandanti tieghu kien ghadu haj, u li ma jidhirx li svela fl-eccezzjonijiet tieghu u d-dikjarazzjoni hemm ammessa [*recte*: annessa].

"Illi l-posizzjoni tal-konvenut tiggrava hafna meta wiehed ihares lejn ix-xhieda minnu prodotta, ghaliex din lanqas taqbel ma' l-eccezzjonijiet minnu mressqa.

"Hekk fl-*affidavit* sostna li kien ilu jghix mal-istess Giuseppi Vella hames (5) snin qabel ma miet, izda fix-xhieda tieghu dawn nizlu ghall-ahhar sentejn qabel ma miet; sostna fl-istess *affidavit* li kellu jiehu Lm3,000 ghall-gwiez li kien hallas hu, meta waqt ix-xhieda tieghu, apparti li ma pproduca l-ebda ricevuti dwar l-istess, lanqas kien konsistenti mal-istess prezz u ammont tal-gwiez, u *di più* sostna li kien issellef huwa xi flus minghand certu Joseph Chetcuti u Jesmond Musu.

"Fl-istess *affidavit* sostna li kien xtara xi ghoggiela, kollox bejn 13 u 15 bil-Lm120-il wiehed, mentri fix-xhieda tieghu in kontro-ezami, sostna li l-prezz taghhom kien Lm80, u lanqas jaf minn fejn xtrahom, apparti nuqqas ta' ricevuti.

"L-istess japplika ghax-xhieda minnu prodotti bhala dik ta' Joseph Chetcuti u Jesmond Musu, li sostnew li kienu sel[l]fu l-flus lill-istess konvenut, però hadd minnhom ma ghamel skrittura dwar l-istess, u *di più* in kontro-ezami kontrarjament ghal dak li intqal minnhom fl-*affidavit* lanqas setghu jiftakru l-ammonti li kienu sel[l]fu lill-konvenut ghal tali allegati spejjez, ghalkemm it-tnejn ammettew illi mhux is-soltu li jisilfu l-flus.

“Illi jidher car li minn dawn il-brani li fix-xhieda tieghu il-konvenut qed isostni li parti mis-somma li huwa hekk ircieva ghan-nom tal-mandanti tieghu nzammet minnu sabiex huwa thallas ta’ l-ispejjez li huwa allega li ghamel ghan-nom ta’ l-istess Giuseppi Vella. Din imkien ma issemmiet fl-eccezzjonijiet tieghu, però apparti minn dan, din il-versjoni tal-konvenut ma tistax tigi accettata, stante li ma hijiex kredibbli, anzi jidher car mill-komportament ta’ l-istess xhud waqt il-kontro-ezami tieghu, li tali verzjoni hija ghal kollox inveritiera, ghaliex huwa stess jirnexxielu konsistentement jikkontradixxi lilu nnifsu f’diversi okkazjonijiet, bhal ma *di più* ghamlu x-xhieda minnu prodotti.

“Illi *di più* huwa principju stabilit li min jallega jrid jipprova, u certament f’dan l-aspett, l-istess konvenut naqas li jgib prova konkreta tal-istess spejjez li ghamel ghan-nom ta’ Giuseppi Vella, u li skond huwa thallas taghhom minn ghandu kif gabar il-flus tieghu.

“Illi wiehed kien jippretendi li l-minimu li l-istess konvenut kellu jaghmel kien li jzomm rendikont ta’ l-istess spejjez bir-ricevuti taghhom, u *di più* jirregistra kemm is-self li allega li ghamel, kif ukoll il-refuzzjoni ta’ l-istess ammonti mill-mandanti tieghu in iskritt, iktar w iktar meta jirrizulta li huwa kien qed jagixxi bhala mandatarju ta’ l-istess Giuseppi Vella in forza ta’ prokura in iskritt, u l-hlasijiet lilu ghan-nom tal-mandanti tieghu ilkoll saru wara li huwa stess irrilaxxa id-debiti ricevuti fil-kwalità tieghu premessa. Minn dan ma sar assolutament xejn, izda mhux biss, imma kien ukoll ghal kollox inkonsistenti fix-xhieda tieghu, kemm dwar in-natura tal-istess spejjez, dwar l-ammont taghhom, lil min sar il-hlas, fejn sar il-hlas, jekk issellef ghall-istess kemm issellef, u meta thallsu lura. Din l-inkonsistenza kollha baqghet tezisti anke fix-xhieda kollha minnu prodotta sabiex jittenta jikkorobora l-versjoni tieghu, u hawn qed issir riferenza ghax-xhieda ta’ Jesmond [*recte*: Joseph] Chetcuti u ta’ Jesmond Musù, li fl-opinjoni ta’ din il-Qorti, li kellha l-okkazjoni li tisma x-xhieda kollha in kontro-ezami u *viva voce*, hija ghal kollox, bhal *di più* tal-konvenut ghal kollox inattendibbli. Illi f’dan l-aspett

huwa ta’ meravilja, kif tali xhieda inkluz dik tal-konvenut, kienu kapaci jghidu certi dettalji waqt li jkunu qed jaghmlu *affidavit*, liema dettalji, ghall-partikolari fuq riferiti, jigu ghal kollox smentiti, jew kontradetti minnhom stess waqt li jsir il-kontro-ezami *viva voce*, u dan jippreokkupa lill-Qorti, ghaliex jindika uzu mhux sew tal-procedura tal-*affidavit*, li certament ghandha tigi addrizzata u emeljorata, fl-uzu taghha, fil-procedura nostrali, sabiex turi serjetà fl-utiliz taghha.

“Illi *di più* jinghad li mill-mument li l-istess konvenut inkassa l-flus ghan-nom ta’ Giuseppi Vella, dawn l-istess ammonti dejjem baqghu ghandu, u qatt ma jinghad li dawn gew mghoddija lill-istess Giuseppi Vella, fl-ebda mument, anqas meta l-istess Giuseppi Vella kien ghadu qed jghix fil-fond *de quo*. Lanqas jidher li dawn gew depozitati f’xi kont, anke bankarju f’isem Giuseppi Vella, anzi jidher li dawn il-flus dejjem baqghu f’idejn il-konvenut, sakemm huwa iddespona minnhom f’ismu. Illi ghalhekk biss, l-azzjoni attrici ghandha wkoll tirnexxi.

“Illi apparti dak premess, wiehed ma jistax ma jikkummentax fuq il-fatt li l-konvenut beda l-*affidavit* tieghu, fuq il-premessa li kien ilu jghix mad-*decujus* hames (5) snin qabel ma miet, u fl-ewwel domandi li saru lilu, anke mill-Qorti nnifisha, huwa mill-ewwel smentixxa l-istess, meta sostna li kien jghix mieghu biss ghall-ahhar sentejn, iktar u iktar meta irrizulta li qabel kien jghix ma’ l-istess Giuseppi Vella certu Consiglio Felice.

“Illi certament li din lanqas hija ta’ awgurju tajjeb ghat-tezi tal-konvenut fejn sostna li tali flus inghataw mill-istess Giuseppi Vella lilu, bhala hlas ta’ servigi resi, ghaliex altru qed jippretendi hlas ta’ l-istess servigi, ghaliex kien jorqod mieghu ghal sentejn u altru ghall-hames snin, ghalkemm il-konvenut dejjem sostna li kien ilu jghinu hames snin.

“Illi apparti dan kellu jkun il-konvenut li kellu jipprova li sar dan il-hlas mill-istess Giuseppi Vella lilu bhala hlas ta’ servigi, u dan fl-opinjoni ta’ din il-Qorti, mill-provi prodotti ma jirrizultax li sar. Fil-fatt l-ebda wahda jew wiehed mix-xhieda prodotti mill-konvenut, ma ghamel prova tal-istess,

ghaliex ghalkemm sostnew li l-konvenut kien jghin b'xi mod lid-*decujus*, hadd minnhom ma qal li l-istess Giuseppi Vella hallas dawn il-flejjes, kienu ta' liema ammont kienu, lill-konvenut ghall-hlas ta' servigi resi. Illi ghalhekk anke hawn it-tezi tal-konvenut ma tistax tigi accettata.

"Illi veru li jirrizulta li l-fond 41, Triq Barth, Hamrun inxtara mill-konvenut fl-24 ta' April 1998, u *ex admissis*, il-valur ta' l-istess fond indikat fl-istess kuntratt fl-ammont ta' Lm7,000, gew imhallsa mill-konvenut, bil-flus li huwa kien ircieva bhala mandatarju ta' Giuseppi Vella, kif fuq indikat. Però ma hemm ebda prova li dan sar bil-kunsens ta' l-istess Giuseppi Vella, u lanqas li dan kien bhala pagament mill-istess mandanti ta' servigi lilu allegatament resi. Illi huwa sintomatiku li fl-eccezzjonijiet tieghu il-konvenut sostna li parti mill-flus li rcieva, kellhom imorru sabiex jinxtara post fejn jghixu flimkien l-istess Giuseppi Vella u hu, però lanqas fl-istess eccezzjonijiet ma jghid illi tali post kellu jkun fuqu, b'volontà espressa ta' l-istess mandanti tieghu.

"Illi jinghad ukoll, li dan it-trasferiment sar meta l-istess Giuseppi Vella kien rikoverat l-Isptar, u mill-14 ta' Marzu 1998, kien ukoll fl-Isptar Monte Carmeli, fejn il-kundizzjoni mentali tieghu, kienet fl-ahjar ipotesi dubjuza, anke ghal dak certifikat min-noti klinici tal-21 u 23 ta' Marzu 1998, fejn l-istess Giuseppi Vella jidher li kien ibati ta' spiss minn stat ta' konfuzzjoni, li *di più* kien l-istess stat, li gie[ghe]l lill-konvenut jirrikorri biex jiehu lill-istess Giuseppi Vella fl-istess facilità. Illi ovvjament dan kollu ma jistax hlief jifta' dubju serju fuq l-allegazzjonijiet tal-konvenut, li l-istess mandanti tieghu kien tah l-istess ammonti sabiex jixtri l-fond *de quo*. Dan huwa iktar gravi meta wiehed jikkonsidra, li l-konvenut, a tenur tal-allegazzjoni tieghu, kien qed jimxi b'veste doppja, peress li kien qed jagixxi bhala mandatarju tal-istess Giuseppi Vella, w ukoll bhala *proprio* meta kien qed jittratta mal-mandanti tieghu, ghall-allegata hlas ta' servigi resi, u ghalhekk kien fl-interess tieghu, li dan kollu jirregistrah b'mod adegwat, propju minhabba il-konflitt ta' interess li huwa kellu f'din il-facenda, u certament li jirrizulta mill-provi, li mhux biss dan ma ghamlux, izda lanqas ghamel il-minimu, sabiex l-

operat minnu allegat, jigi almenu registrat b'mod adegwat, u bl-intervent propizio ta' terzi persuni.

"Illi dan apparti l-inkonsistenzi l-ohra li jezistu fix-xhieda ta' l-istess konvenut, u x-xhieda minnu prodotti, li parti minnhom jinsabu fuq elenkati, u ohrajn jinsabu elenkati fin-nota tal-osservazzjonijiet ta' l-atturi, u dan apparti mistoqsijiet ohra li l-konvenut halla ghal kollox mhux imwiegba, bhal x'sar mill-ghoggiela kollha li kellu l-istess Giuseppi Vella, x'sar mill-prezz taghhom jekk inbieghu, x'sar mill-flus inkassati direttament mill-istess Giuseppi Vella, fiz-zmien li l-konvenut kien qed jallega li qed ihallas l-ispejjez huwa, f'hiex intefqu l-Lm5,000 li l-konvenut jidher li approprija ghall-ispejjez imhallsa allegatament minnu, ghan-nom tal-mandanti tieghu, tenut kont ta' dak li inghad mill-konvenut, fl-eccezzjonijiet tieghu, li Lm7,000 biss intefqu ghax-xiri tal-fond *de quo*;  x'kien verament jaghmel il-konvenut fil-perjodu meta Giuseppi Vella kien jghix mieghu Consiglio Felice, u diversi mistoqsijiet ohra, li johorgu mill-inkonsistenza tax-xhieda prodotta mill-konvenut.

"Illi certament li tenut kont tal-premess, l-allegazzjonijiet tal-konvenut, anke jekk jigi injorat li ma [gewx] imressqa b'kawza *ad hoc*, ma gew bl-ebda mod ippruvati, anzi jirrizultaw inkonsistenti ghall-ahhar, mhux kredibbli, w addirittura kontradittorji, u ghalhekk lanqas jistghu jigu accett[at]i.

"Illi fid-dawl tal-premess, in-Nota ta' Osservazzjonijiet tal-konvenut hija sorprendenti, ghaliex tinjora dan kollu, u x-xhieda kollha prodotta f'din il-kawza, u senjatament dik tal-konvenut, li kwazi l-Qorti thoss, li meta ghamel din in-nota il-konvenut kien qed jirreferi ghall-kawza ohra, u mhux din li attwalment din il-Qorti qed taghti s-sentenza dwarha.  Jinghad ukoll li l-konvenut ghamel l-istess nota qisu fil-fatt din hija kawza ta' hlas ta' servigi, invece dan mhux hekk, kif din il-Qorti kellha già okkazjoni tindika f'din is-sentenza, u kif sewwa l-atturi indikaw fin-nota responsiva taghhom.

"Illi dwar l-istat mentali ta' l-istess Giuseppi Vella, li dwaru saret hafna insistenza mill-konvenut fin-nota ta' l-osservazzjonijiet tieghu, apparti jekk dan kellux il-fakoltajiet mentali jew le, sabiex jagixxi bil-mod li l-konvenut allega li agixxa, xorta wahda jinghad, anke a bazi ta' dak li già inghad iktar il-fuq, li mill-process ma tirrizulta l-ebda prova li Giuseppi Vella hallas lill-konvenut l-ammonti minnu allegati, u lanqas li Giuseppi Vella ikkonsentixxa sabiex parti mill-flus jigu utilizzati mill-konvenut biex dan jixtri l-fond fuq ismu, apparti l-konflitt ta' interess li l-istess konvenut jidher li kellu fl-istess proposta minnu allegata.

"Illi f'dawn ic-cirkostanzi, t-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha, u l-eccezzjonijiet tal-konvenut jigu michuda."

Rat ir-rikors ta' l-appell tal-konvenut illi permezz tieghu, ghar-ragunijiet fih esposti, talab illi din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata billi tilqa' l-eccezzjonijiet tieghu u tichad it-talbiet ta' l-atturi appellati, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi appellati;

Rat ir-risposta ta' l-atturi illi permezz taghha, ghar-ragunijiet hemm esposti, talbu illi s-sentenza appellata tigi konfermata u illi l-appell jigi michud bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut appellant;

Trattat l-appell;

Ezaminat l-atti tal-process;

Ikkunsidrat:

Illi l-konvenut iddedika sitt (6) pagini mir-rikors ta' appell tieghu sabiex jittratta dawk illi huwa jsejjah l-"aggravji" tieghu kontra s-sentenza appellata. Fil-verità, però, ezami ta' dawn il-pagini juri illi l-konvenut ghandu aggravju wiehed (1) biss kontra s-sentenza appellata, dak illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi prodotti;

Dina l-Qorti, wara illi - kif inhu dover taghha - ezaminat il-provi kollha prodotti, hija tal-fehma soda illi l-apprezzament ta' dawn il-provi u l-konkluzjoni konsegwenzjali illi t-talba attrici timmerita akkoljiment huma ghal kollox korretti. Dina l-Qorti trid izzid biss is-segwenti:

(i) illi, oltre l-kwantità ta' ezempji illi tat l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata sabiex turi kemm il-konvenut u x-xhieda minnu prodotti ma humiex kredibbli, fl-atti processwali hemm ammont kwazi innumerevoli ta' ezempji ohra. Dina l-Qorti qed tillimita ruhha ghal ezempju wiehed biss minn dawn ta' l-ahhar: waqt il-kontro-ezami voluminuz tieghu (fol. 110 sa 179), il-konvenut isostni (fol. 176) illi mhux veru illi hdax-il elf lira (Lm11,000) minn dawk involuti fil-kawza gew f'idejh qabel ma gie pubblikat il-kuntratt illi permezz tieghu huwa akkwista l-fond 41A, Triq Barth, Hamrun. Mid-dokument markat "B" (fol. 6) jirrizulta illi dawn il-Lm11,000 gew f'idejn il-konvenut fit-tmienja (8) ta' April, 1998 u, mid-dokument esibit a fol. 252 sa 254 tal-process, jirrizulta illi l-imsemmi kuntratt ta' akkwist gie pubblikat fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' April, 1998;

(ii) illi wara illi - kif già inghad - dina l-Qorti ezaminat il-provi kollha prodotti, senjatament dawk prodotti mill-konvenut permezz ta' diversi *affidavit* u l-kontro-ezamijiet relattivi, tifhem tajjeb hafna l-*cri de cœur* ta' l-ewwel Qorti meta fis-sentenza appellata qalet hekk (pagna 13 tas-sentenza):

"… huwa ta' meravilja, kif tali xhieda inkluz dik tal-konvenut, kienu kapaci jghidu certi dettalji waqt li jkunu qed jaghmlu *affidavit*, liema dettalji, ghall-partikolari fuq riferiti, jigu ghal kollox smentiti, jew kontradetti minnhom stess waqt li jsir il-kontro-ezami *viva voce*, u dan jippreokkupa lill-Qorti, ghaliex jindika uzu mhux sew, tal-procedura ta' l-*affidavit* …" (sottolinear ta' dina l-Qorti);

Ikkunsidrat:

Illi, fid-dawl ta' dak illi inghad sa issa, dina l-Qorti hija tal-fehma illi l-appell interpost mill-konvenut huwa wiehed frivolu u vessatorju, u, konsegwentement, sejra taghti l-

opportun provvediment dwar il-kap ta’ l-ispejjez ta’ din l-istanza;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell tal-konvenut u billi tikkonferma s-sentenza appellata;

Tordna illi l-ispejjez ta’ din l-istanza jigu sopportati kollha mill-konvenut appellant, b’dan illi, b’applikazzjoni ta’ l-Artikolu 223(4) tal-Kap. 12, tordna wkoll illi l-appellant ihallas spejjez doppji lill-atturi appellati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------